



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.9.2013  
SWD(2013) 337 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fl-istrumenti finanzjarji u l-kuntratti  
finanzjarji**

{COM(2013) 641 final}

{SWD(2013) 336 final}

## 1. INTRODUZZJONI

Indiċi huwa kejl statistiku, tipikament ta' prezz jew kwantità, ikkalkulat minn sett rappreżentattiv ta' dejta sottostanti: meta dan l-indiċi jintuża bħala prezz ta' referenza għal strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju ieħor isir parametru referenzjarju. Attwalment jiġu prodotti varjetà wiesgħa ta' parametri referenzjarji. Dawn il-parametri referenzjarji mhumiex differenti biss fid-dejta sottostanti użata, iżda wkoll fil-metodi użati għall-ġbir tad-dejta, il-kalkolu tal-indiċi u l-użu aħħari tagħhom.

L-industrija tal-parametri referenzjarji tiġġenera madwar EUR 2 biljun fi dħul għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji finanzjarji u tal-kommoditajiet madwar id-dinja. L-istimi jissuġġerixxu li d-daqs tas-swieq affettwati jista' jkun ta' aktar minn EUR 1 000 triljun. L-allegazzjoni riċenti ta' manipulazzjoni fil-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax LIBOR u EURIBOR enfazzjat kemm l-importanza tal-parametri referenzjarji kif ukoll id-dgħufijiet tagħhom. L-integrità tal-parametri referenzjarji hija ta' importanza kruċjali għall-ipprezzar ta' bosta strumenti finanzjarji, bħal swaps tar-rati tal-imgħax u ftehimiet ta' rata tal-imgħax forward, u kuntratti kummerċjali u mhux kummerċjali, bħal ftehim ta' forniment, self u ipoteki. Għandhom ukoll rwol importanti fl-immaniġġar tar-riskji.

Il-fokus tal-Analiżi Wheatley tal-LIBOR u r-regolamentazzjoni sussegwenti tal-LIBOR fir-Renju Unit kif ukoll tar-regolamentazzjoni tas-CIBOR fid-Danimarka kien l-integrità tal-parametri referenzjarji. L-ABE u l-AETS ppubblikaw Prinċipji għall-Proċessi tal-Istipular tal-Parametri Referenzjarji fl-Ewropa fis-6 ta' Ġunju 2013 li jipprovdu gwida lill-parteċipanti fiż-żmien qabel tidħol fis-seħħ kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni. L-ABE għamlet ukoll analiżi tal-EURIBOR u ppubblikat rakkomandazzjonijiet għall-EBF-Euribor f'Jannar 2013. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea qed twettaq investigazzjonijiet ta' kartell possibbli frabta mal-EURIBOR u f'każ potenzjali ta' kollużjoni minn kontributori għall-valutazzjonijiet tal-prezzijiet għaż-żejt u l-bijokarburanti minn xi aġenziji ta' rappurtar tal-prezzijiet tal-kommoditajiet.

Il-FSB qiegħed jikkoordina l-approċċ internazzjonali dwar ir-riforma tal-parametri referenzjarji. B'talba tiegħu, l-IOSCO pubblikat Prinċipji għall-Parametri Referenzjarji Finanzjarji f'Lulju 2013. Qabel, l-IOSCO kienet ippubblikat Prinċipji għas-sorveljanza tal-aġenziji tar-rappurtar tal-prezzijiet taż-żejt f'Ottubru 2012. Għaddeja ħidma oħra fil-livell tal-FSB, il-G20 u l-BIS.

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

### 2.1 Riskju ta' manipulazzjoni tal-parametri referenzjarji

Il-parametri referenzjarji jaffettwaw direttament il-valur tal-istrumenti finanzjarji u kuntratti oħra li jagħmlu referenza għalihom. Il-manipulazzjoni tal-valur ta' parametru referenzjarju għalhekk tirriżulta fi trasferiment dirett ta' flus minn waħda mill-partijiet kontraenti għall-oħra. Ir-riskju ta' manipulazzjoni osservat f'ħafna parametri referenzjarji huwa primarjament minħabba d-**diskrezzjoni** li s-sottomittenti għandhom meta jagħżlu d-dejta għas-sottomissjoni lill-kalkolatur jew meta jivvalutaw is-sottomissjonijiet tagħhom, u d-diskrezzjoni li l-amministraturi jeżerċitaw meta jikkalkulaw il-parametru referenzjarju. Ċerti parametri referenzjarji jiddependu esklussivament fuq valutazzjonijiet mingħand kontributori, bi ftit li xejn possibiltà ta' verifika *ex post* mad-dejta reali. Il-fornitur jista' ma jkunx kapaċi

jivverifika jekk dawn is-sottomissjonijiet humiex rappreżentattivi u japplika diskrezzjoni fil-valutazzjoni jew il-kalkolu tal-parametru referenzjarju abbażi ta' din id-dejta.

Barra minn hekk, il-kontributori jistgħu jagħżlu li jissottomettu biss subsett mid-dejta tagħhom, ħaġa li ttellef il-preċizzjoni tal-parametru referenzjarju. Il-kontributori jistgħu wkoll iżommu lura milli jipprovdu dejta sħiħa jew preċiża lill-amministraturi ta' parametri referenzjarji jekk dan ikun f'**kunflitt ma' interessi oħra**, bħal żvelar ta' dejta jew informazzjoni kummerċjali sensittiva jew kunfidenzjali li sservi bħala sinjal għal parteċipanti oħra fis-suq. Kunflitti ta' interess jeżistu b'mod partikolari fejn il-kontributori jew l-amministraturi huma wkoll l-utenti tal-parametru referenzjarju. Il-kontributori jistgħu jissottomettu stimi qarrieqa, jew dejta falza jew parzjali li mhux neċessarjament tirrifletti l-kundizzjonijiet veri tas-suq, jekk ikunu jistgħu jiggwadanjaw billi jibdlu parametru referenzjarju.

Meta jiġi ppubblikat indiċi, l-użu tiegħu jista' jsir tant mifruż li jsir ta' importanza kritika, jew tal-anqas kwalunkwe nuqqas ikollu impatt sinifikanti fuq is-swieq u l-investituri. Fl-aħħar nett, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet ma għandhomx setgħat ta' superviżjoni u infurzar fuq il-proċessi u l-atturi li jistipulaw, ħaġa li ma tħallix li jkun hemm sorveljanza effettiva tal-parametri referenzjarji u infurzar tal-konformità mal-istandards minimi fil-forniment tagħhom.

## **2.2. L-użu ta' parametri referenzjarji li mhumiex robusti, kredibbli jew tajbin biżżejjed għall-iskop użati għalih**

Meta parametru referenzjarju ma jkunx robust u jkun soġġett għal riskju ta' manipulazzjoni, l-użu tiegħu jista' jagħmel ħsara lil investituri jew utenti oħra. L-utenti aktar sofistikati, bħall-banek u l-parteeipanti fis-suq fil-livell ta' operatur oħra, jista' jkollhom fehim tajjeb tar-riskji maħluqa minħabba n-nuqqas ta' robustezza tal-parametri referenzjarji u jassorbu dan ir-riskju, jew ikunu kapaċi jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni xierqa. Madankollu dawk fil-livell ta' konsumatur jistgħu ma jkunux informati bis-sħiħ dwar in-natura tal-parametru referenzjarju li jkun referenzjat għalih kuntratt finanzjarju li jiffirmaw u ma jistax ikollhom l-ebda għażla dwar il-parametru referenzjarju użat.

Il-problema tal-użu ta' parametri referenzjarji li mhumiex robusti, kredibbli jew adegwati għall-iskop użati għalih hija prinċipalment ikkawżata minn nuqqas ta' trasparenza dwar l-għan tal-parametri referenzjarji u n-nuqqas ta' idoneità tal-parametri referenzjarji għall-għan maħsub tagħhom, speċjalment għal kuntratti finanzjarji fil-livell ta' konsumatur.

Il-parametri referenzjarji jkejlu suq jew realtà ekonomika partikolari. Madankollu, f'ħafna każijiet, hemm **nuqqas ta' trasparenza** fir-rigward ta' x'inhuwa eżattament li parametru referenzjarju suppost ikejjel, f'liema ċirkostanzi jipprovdi kejl kredibbli u dwar riskji oħra assoċjati mal-użu tiegħu. Jekk ma jkunx hemm trasparenza, l-utenti jistgħu ma jkunux kapaċi jieħdu deċizzjonijiet adegwati dwar liema parametru referenzjarju għandhom jużaw. Meta jiġri hekk, deċizzjonijiet ekonomiċi jiġu bbażati fuq valuri mgħawġa, u dan iwassal għal allokkazzjoni mhux ottimali ta' assi u telf potenzjali għall-investituri u l-konsumaturi.

Ta' spiss il-parametri referenzjarji jintużaw biex jirreferenzjaw kuntratti fil-livell ta' konsumatur mingħajr valutazzjonijiet suffiċjenti jew xierqa tal-adegwatezza tagħhom għal dan l-għan. Anki l-parametri referenzjarji li jkejlu adegwatament ir-realtà ekonomika li huma intenzjonati li jirrappreżentaw jista' jkollhom impatt negattiv meta jintużaw għal għanijiet oħra. Din il-problema hija xprunata minn nuqqas ta' fehim min-naħa ta' dawk li jidhru f'kuntratti referenzjati magħhom, speċjalment meta jkun

investituri jew konsumaturi fil-livell ta' konsumatur. Ta' spiss is-swieq ma jużawx parametri referenzjarji abbażi tal-adegwatezza tagħhom, iżda sempliċiment minħabba li l-effetti tan-netwerk jagħmlu parametru referenzjarju partikolari l-unità stabbilita ta' kejl. Bl-istess mod, setgħa inugwali ta' negozjar jew l-użu ta' termini u kundizzjonijiet standard ifissru li tista' tiġi imposta l-għażla ta' parametru referenzjarju mhux adegwat fuq waħda mill-kontropartijiet. Jista' wkoll ikun hemm kunflitti ta' interess sinifikanti fl-indiċijiet tal-istrateġija/proprjetarji li jintużaw jew jiġu prodotti minn maniġers ta' fondi li jkollhom interess dirett fil-prestazzjoni ta' dawn il-fondi.

### **3. SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

Filwaqt li ċerti parametri referenzjarji huma nazzjonali, l-industrija tal-parametri referenzjarji hija waħda internazzjonali kemm fil-produzzjoni kif ukoll fl-użu. Għall-parametri referenzjarji li jintużaw ħafna jew jiġu prodotti f'firxa ta' diversi Stati Membri azzjoni nazzjonali tista' twassal għall-frammentazzjoni tas-suq intern u tista' tiffaċilita arbitraġġ regolatorju, peress li produzzjoni ta' parametru referenzjarju tista' faċilment tiċċaqlaq lejn Stati Membri oħra. B'kuntrast, inizjattiva tal-UE tista' tgħin biex jissaħħa is-suq uniku billi joħloq qafas komuni għal parametri referenzjarji għall-użu ta' parametri referenzjarji kredibbli u adegwati fi Stati Membri differenti. Azzjoni tal-UE hija għalhekk konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi li kwalunkwe intervent ikun immirat u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu l-oġġettivi. Il-prinċipju tal-proporzjonalità gwida l-proċess kemm waqt l-identifikazzjoni tal-alternattivi kif ukoll matul l-analiżi u tqabbil tal-alternattivi u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Dan seħħ b'żewġ modi: l-ewwel nett, billi jiġu indirizzati biss dawk il-parametri referenzjarji li jista' jkollhom ċertu impatt ekonomiku dirett jekk jiġu mmanipulati u t-tieni nett, billi jiġu identifikati miżuri li min-natura tagħhom ma jinvolvux kwistjonijiet ta' proporzjonalità jew, meta l-miżuri jistgħu jimponu piż sproporzjonat, dawn il-miżuri jkunu jistgħu jiġu kkalibrati b'mod proporzjonat.

### **4. KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ġie ddeterminat b'referenza għall-problemi spjegati hawn fuq sabiex jiġi żgurat li l-problemi jiġu indirizzati b'mod effettiv, effiċjenti u proporzjonalment. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta huwa determinat f'approċċ maqsum f'żewġ stadji: l-ewwel b'referenza għall-parametri referenzjarji ("parametri referenzjarji fil-mira") li huma koperti u t-tieni, liema attivitajiet b'rabta ma' dawn il-parametri referenzjarji fil-mira għandhom jiġu koperti.

L-ewwel, l-indiċijiet pubblikati kollha li jintużaw biex jiġi rreferenzjat il-prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investiment huma koperti billi dawn huma l-parametri referenzjarji li l-manipulazzjoni tagħhom tikkawża telf finanzjarju u li huma l-aktar suxxettibbli għall-problemi spjegati.

It-tieni, l-amministraturi kollha tal-parametri referenzjarji li jipproduċu dawn il-parametri referenzjarji bbażati fl-Unjoni huma fil-kamp ta' applikazzjoni billi l-amministraturi huma suġġetti għall-problemi kollha spjegati hawn fuq. Il-banek ċentrali huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni billi diġà jirrispettaw livell għoli ta' integrità, u huma suġġetti għall-kontroll minn awtoritajiet pubbliċi. Il-kontributori bbażati fl-Unjoni huma wkoll suġġetti għal dawn il-problemi iżda skont l-analiżi huwa proporzjonat biss li

jitqiegħdu fil-mira kontributori li diġà huma soġġetti għal regolamentazzjoni finanzjarja tal-UE. Ir-raġuni ewlenija hija li l-piż tal-konformità jkun ifisser li bħalissa l-kontributori mhux regolati jistgħu potenzjalment jieqfu jikkontribwixxu u fi kwalunkwe każ ma setgħux jiġu superviżjonati b'mod effettiv mir-regolaturi finanzjarji.

## 5. GĦANIJET

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi ta' din l-inizjattiva fid-dawl tal-analiżi tar-riskji u l-problemi ta' hawn fuq:

Għanijiet ġenerali	Għanijiet speċifiċi	Għanijiet operattivi	Għanijiet li jistgħu jitkejlu
<p>1) Tiġi restawrata l-fiduċja fis-swieq finanzjarji</p> <p>2) Tissaħħaħ l-integrità u l-imparzjalità tas-suq; jiġi żgurat li s-swieq finanzjarji jservu lill-ekonomija reali</p> <p>3) Tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-investituri</p>	<p>Żgurar tal-integrità tal-parametri referenzjarji:</p> <p>1. Jitnaqqas ir-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju</p> <p>2) Jiġi żgurat l-użu xieraq ta' parametri referenzjarji robusti u kredibbli</p>	<p>1) Jitnaqqsu l-inċentivi u l-opportunitajiet ta' manipulazzjoni</p> <p>2) Tiġi mminimizzata d-diskrezzjoni - jiġi żgurat li l-parametri referenzjarji jkunu bbażati fuq dejta suffiċjenti u rappreżentattiva</p> <p>3) Tiġi żgurata governanza robusta u li l-kontrolli jindirizzaw ir-riskji</p> <p>4) Jissaħħu t-trasparenza u l-użu ta' parametri referenzjarji adegwati</p> <p>5) Tiġi żgurata sorveljanza effettiva</p>	<p>1) Jitnaqqas l-għadd ta' parametri referenzjarji vulnerabbli għall-manipulazzjoni</p> <p>2) Jiżdied l-għadd ta' parametri referenzjarji bbażati fuq dejta suffiċjenti u rappreżentattiva</p> <p>3) Jonqos l-għadd ta' sejbiet ta' governanza u kontrolli inadegwati</p> <p>4) Jiżdied l-għadd ta' dikjarazzjonijiet dwar l-għan tal-parametri referenzjarji u l-valutazzjonijiet tal-indoneità għall-użu fil-livell ta' konsumatur</p> <p>5) Jonqos l-għadd ta' każijiet ta' manipulazzjoni ta' parametri referenzjarji</p>

## 6. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA U ANALIŻI TAL-IMPATTI

L-alternattivi ta' politika differenti ġew ittestjati fid-dawl tal-kriterji tal-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom fl-ilħiq tas-sitt għanijiet operattivi.

### 6.1. Jiġu limitati l-inċentivi u l-opportunitajiet ta' manipulazzjoni:

Alternattivi ta' politika
1. L-ebda azzjoni
2 L-immaniġġar u d-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess
3. Separazzjoni strutturali

L-alternattiva nru 2 hija l-alternattiva preferuta. separazzjoni strutturali hija effettiva biex tillimita l-opportunitajiet ta' manipulazzjoni, iżda tkun sproporzjonata f'haflna każijiet, billi tista' tiskoraġġixxi l-forniment ta' parametru referenzjarju u twassal biex xi parametri referenzjarji jiefqu. L-immaniġġar u d-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess toħloq l-inċentivi għal dawk li jwettqu l-kalkoli jew jissottomettu l-informazzjoni lill-parametri referenzjarji biex jagħmlu dan b'mod oġġettiv. Għalhekk, tħeġġeġ sottomissjoni preċiża ta' dejta u onestà fil-proċess ta' validazzjoni tad-dejta.

## 6.2. Minimizzazzjoni tad-diskrezzjoni; jiġi żgurati li l-parametri referenzjarji jkunu bbażati fuq dejta suffiċjenti u rappreżentattiva:

Alternattivi ta' politika
1. L-ebda azzjoni
2 Jiġi meħtieġ li tintuża dejta tat-tranżazzjonijiet jekk disponibbli u kredibbli, inkella diskrezzjoni b'bażi soda u verifikabbli
3 Jekk meħtieġ użu obligatorju ta' dejta tat-tranżazzjonijiet biss
4 Kontribuzzjonijiet obligatorji lill-parametri referenzjarji ta' importanza kritika

**L-alternattivi nru 2 u 4 huma l-alternattivi preferuti:** regola li tirrikjedi li dejta rappreżentattiva tat-tranżazzjonijiet tieħu preċedenza, u li l-użu ta' dejta oħra jeħtieġ ikun verifikabbli, jipprovi strument għall-iżgurar li r-rati u l-kontribuzzjonijiet tal-parametru referenzjarju huma bbażati fuq dejta suffiċjenti u rappreżentattiva u li d-diskrezzjoni hija ġġustifikata, b'bażi soda u eżerċitata kif xieraq. Għalhekk, issaħħaħ l-kredibbiltà tal-parametri referenzjarji u t-trasparenza tal-proċess. Is-setgħa li jsiru kontribuzzjonijiet obligatorji lill-parametri referenzjarji ta' importanza kritika tiżgura l-kontinwità tal-parametri referenzjarji li huma ta' importanza kritika meta jkun hemm ir-riskju li l-kontributori jwaqqfu l-kontribuzzjonijiet tagħhom. Tiżgura wkoll li jkunu bbażati fuq biżżejjed kampjuni ta' dejta tas-suq, partikolarment fi żminijiet ta' stress fis-suq meta l-kontributori jistgħu ma jkunux heġqana jissottomettu dejta jew stimi għal kalkolu ta' parametri referenzjarji.

## 6.3. Tiġi żgurata governanza robusta u li l-kontrolli jindirizzaw ir-riskji:

Alternattivi ta' politika
1. L-ebda azzjoni
2 L-awtoritajiet superviżuri joħorġu linji gwida ta' kkonforma jew spjega
3 Isiru obligatorji sistemi xierqa ta' mmaniġġar u kontrolli effettivi

**L-alternattiva nru 3 hija l-alternattiva preferuta:** minħabba l-kunflitti ta' interess inerenti fl-għoti tal-kontribuzzjonijiet u l-kalkolu ta' parametri referenzjarji, il-prinċipji ta' konformità jew spjega x'aktarx li ma jwasslux għar-riżultati mixtieqa. Sistemi ta' mmaniġġar xieraq obligatorji u kontrolli effettivi tipprovi għodda għall-infurzar ta' governanza robusta u l-kontrolli meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-forniment tal-parametri referenzjarji u l-attivitajiet ta' kontribuzzjoni.

#### 6.4. Tizzied it-trasparenza u jiġi żgurati l-użu ta' parametri referenzjarji kredibbli u robusti:

Alternattivi ta' politika
1. L-ebda azzjoni
2 Rekwiżit ta' trasparenza dwar il-metodoloġija, id-dejta sottostanti, il-proċess u l-iskop, filwaqt li jitħalla lok għal dewmien jew trasparenza parzjali tad-dejta sottostanti meta ġustifikat
3 Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-parametri referenzjarji użati għal kuntratti fil-livell ta' konsumatur
4 Notifika obbligatorja tal-użu ta' parametri referenzjarji

**L-alternattivi nru 2 u 3 huma l-alternattivi preferuti:** trasparenza tad-dejta u l-metodoloġija tippermetti kemm lir-regolaturi u lill-pubbliku jevalwaw jekk il-parametru referenzjarju huwiex preċiż u kredibbli. B'aċċess kemm għad-dejta kif ukoll għall-metodoloġija, l-investituri u r-regolaturi jkunu jistgħu jirreplikaw jew jittestjaw retrospettivament il-parametru referenzjarju sabiex jivvalutaw il-preċiżjoni tiegħu. Trasparenza sħiħa dwar x'ikejjel il-parametru referenzjarju, kif għandu jintuża u n-nuqqasijiet tiegħu tippermetti li r-regolaturi u l-pubbliku jinżammu infurmati bis-sħiħ dwar ir-realtà ekonomika li parametru referenzjarju huwa maħsub biex ikejjel u dwar kwalunkwe nuqqas li jista' jkollu biex jagħmel hekk. Pubblikazzjoni tard jew parzjali tkun permessa jekk pubblikazzjoni sħiħa u kontemporanja tirriżulta f'konsegwenzi negattivi serji fuq il-kontributuri jew taffettwa b'mod negattiv l-kredibbiltà jew l-integrità tal-parametru referenzjarju. Ikun permess li l-pubblikazzjoni ssir tard biss sal-punt li dan inaqqas dawn il-konsegwenzi b'mod sinifikanti. Meta entità regolata bħal bank tkun biħsiebha tidħol f'kuntratt finanzjarju ma' konsumatur, fejn il-pagamenti huma referenzjati ma' parametru referenzjarju, din għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-parametru referenzjarju għal dan l-użu u tavża lill-konsumatur jekk ma jkunx adegwat.

#### 6.5. Tiġi żgurata superviżjoni effettiva tal-parametri referenzjarji:

Alternattivi ta' politika
1. L-ebda azzjoni
2 Forniment privat ta' parametri referenzjarji, sorveljanza indipendenti u privata
3 Forniment privat ta' parametri referenzjarji, superviżjoni u infurzar pubbliċi
4 Forniment pubbliku ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika

**L-alternattiva nru 3 hija l-alternattiva preferuta:** il-forniment pubbliku ta' parametri referenzjarji jista' jxekkel l-innovazzjoni u jista' wkoll ikun soġġett għal kunflitti ta' interess. Is-sorveljanza privata wkoll tista' tkun soġġetta għal kunflitti ta' interess. Jekk il-forniment ta' parametri referenzjarji jsir attività regolata tiġi żgurata s-superviżjoni tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji fl-oġġla livell possibbli. Għalhekk, dan jagħti lill-awtoritajiet għodda għall-infurzar tal-konformità u r-responsabbilizzazzjoni tal-amministraturi u l-kontributuri. Dan jiżgura l-indipendenza tas-superviżur billi jkun awtorità pubblika u jippermetti li fis-suq ikun hemm l-għażla, l-innovazzjoni u l-kompetittività billi l-forniment tal-parametri referenzjarji jibqa' f'idejn il-privat.

Is-superviżjoni tal-amministraturi ssir mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali taħt il-koordinazzjoni tal-AETS. Għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika, superviżjoni minn kulleġġ ta' superviżuri nazzjonali tkun. L-AETS tipparteċipa fil-kulleġġi tas-superviżuri għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika u tuża

medjazzjoni vinkolanti meta jkun meħtieġ. Is-superviżjoni tal-kontributori ssir mis-superviżuri attwali tagħhom.

## 7. IMPATTI TAL-PAKKETT TAL-ALTERNATTIVI PREFERUTI

### Il-grafika ta' hawn taħt tipprovdi sommarju tal-alternattivi ta' politika magħżula

Għanijiet operattivi	Alternattivi ta' politika preferuti
Jiġu limitati l-inċentivi u l-oppurtunitajiet ta' manipulazzjoni	L-immaniġġar u d-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess
Dejta suffiċjenti u diskrezzjoni minimizzata	Dejta tat-tranżazzjonijiet jekk disponibbli u kredibbli, inkella diskrezzjoni b'bażi soda u verifikabbli
	Obbligu ta' kontribuzzjonijiet għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika jekk meħtieġ biss
Tiġi żgurata governanza robusta u li l-kontrolli jindirizzaw ir-riskji	Isiru obbligatorji sistemi xierqa ta' mmaniġġar u kontrolli effettivi
Tiżdied it-trasparenza u jiġi żgurati l-użu ta' parametri referenzjarji li huma robusti, kredibbli u tajbin biżżejjed għall-iskop tagħhom	Rekwiżit ta' trasparenza dwar il-metodoloġija, id-dejta sottostanti, il-proċess u l-iskop, filwaqt li jitħalla lok għal dewmien jew trasparenza parzjali tad-dejta sottostanti meta ġustifikat
	Valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-parametri referenzjarji użati għal kuntratti fil-livell ta' konsumatur
Tiġi żgurata sorveljanza effettiva	Forniment privat ta' parametri referenzjarji, superviżjoni u infurzar pubbliċi

L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jissaħħu r-robustezza u l-integrità tal-parametri referenzjarji Ewropej billi jitnaqqsu r-riskji ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju. Għalhekk, se tikkontribwixxi biex tissaħħaħ l-integrità u l-imparzjalità tas-suq u biex tiġi restawrata l-fiduċja fis-swieq finanzjarji. Din l-inizjattiva għandha wkoll l-għan li tiżgura l-użu xieraq ta' parametri referenzjarji robusti u kredibbli, li jtejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u jiżgura li s-swieq finanzjarji jaqdu lill-ekonomija reali.

## 8. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-miżura leġiżlattiva tista' ssir tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-miżura leġiżlattiva, fil-kuntest ta' rapport lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-effikaċja tal-inizjattiva leġiżlattiva u l-adeqwatezza ta' approċċ settorjali.